MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 1999

Avviz Numru. 70/1999/1

**Carmel Sammut**

**Vs**

**George Pace**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta’ Lm447.32c0 (erbgha mija u sebgha u erbghin lira u tnejn u tletin centezmu) dovuta ghal xoghol u materjal ta’ kostruzjoni ta’ opramorta, tromba u xoghol iehor fil-parapett li sar u gie fornit b’inkarigu tal-konvenut fil-post li kellu f’Pembroke.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandati numru 1329/99 u 1330/99 u bl-imghax legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talba ta' l-attur hija presrikitta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess kif ser jirrizulta mill-provi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher fol 36 tal-atti, l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut di gja giet decisa u michuda permezz ta' sentenza preliminari moghtija fl-10 ta' Marzu 2003.

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-tieni eccezzjoni sottomessa il-konvenut ma gab ebda prova a konjizzjoni ta' din il-Qorti in sostenn taghha u ghalhekk ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, in rigward il-meritu ta'din il-kawza, l-attur (fol 10 et seq ibid) issottometta d-dokument a fol 13 tal-istess atti, minn fejn jirrisulta, b'mod dettaljat, il-ghala l-ammont specifikat fl-avviz hu dovut u dan in konnessjoni max-xoghol ta' kostruzzjoni esegwit mill-istess attur fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Illi, tenut kont, ukoll, li l-ammont hemm pretiz ma gie, bl-ebda mod kontestat mill-konvenut, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur s-somma ta' Lm447.32,0 bl-imghax legali mill-15 ta' Gunju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji numru 1329/99 u 1330/99.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------